**Joint Press Conference Gozo Business Chamber –**
**Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry**

**8 ta' Mejju 2021**

**Cittadella, Victoria**

Diskors ta' Introduzzjoni
Joseph Borġ

---

**Għawdex u l-iżvilupp sostenibbli**

Bonġu. Nilqagħkom hawn dalgħodu f'isem il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex (il-*Gozo Business Chamber*). Nilqa' wkoll dalgħodu magħna lill-uffiċjali tal-Kamra Maltija tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija (*The Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry*) li qed jingħaqdu magħna f'din il-laqgħa u l-*Press Conference* tagħna flimkien dalgħodu. Ir-ringrazzjament tiegħi mill-qalb lil Kamra tal-Kummerċ Maltija li qed tappoġġja lill-Kamra tagħna biex nagħmlu minn Għawdex verament gżira sostenibbli li sservi ta' eżempju ta' kif għandhom isiru l-affarijiet u jitwettqu l-pjanijiet anke fil-gżira l-kbira.

Iltqajna propju hawnhekk fiċ-Ċittadella għal aktar minn raġuni waħda. Iċ-Ċittadella hija eżempju ta' arkitettura eċċezzjonali tal-passat, imma li ġiet restawrata u mogħtija lura lil poplu sabiħa bħal qatt qabel ftit ta' snin ilu. Biex sar dan, kien hemm ħidma akkurata, qawwija u bil-għaqal, ħafna xogħol u ħafna attenzjoni u r-riżultat jista' jarah kulħadd.

Barra minn hekk minn dawn l-inħawi wieħed jista' jara quddiem għajnejh, is-sabiħ, Għawdex sabiħ, bil-Belt u l-irħula tiegħu. Dehra li ssaħħar tal-għoljiet ta' Għawdex, irħula mifruda minn xulxin b'dak li nsejħulu *green belt*, Għawdex djamant, Għawdex distint, Għawdex kif irriduh u nħobbuh aħna l-Għawdxin u dawk kollha li jiġu jżuruna u dawk li għażlu lil Għawdex bħala l-gżira li jgħixu fiha huma wkoll.

<u>Il-COVID-19</u>

Barra li qed niltaqgħu f'post partikulari qed niltaqgħu fi żmien partikulari. Ilkoll kemm aħna bil-maskra u 'l bogħod minn xulxin. Żmien kemxejn ikrah u li nittamaw qegħdin fi tmiem tiegħu. Imma żmien ukoll li ġiegħlna nirriflettu ħafna, ġiegħlna naħsbu ħafna. Żmien li għinna napprezzaw x'inhu l-essenzjali fil-ħajja, żmien li għinna nivvalorizzaw ferm aktar dak li hawn madwarna, żmien

li qed jurina kemm huwa importanti li nipproteġu dak li għandna, dak li writna mingħand missirijietna.

Żmien ukoll li uriena kemm hi fraġli l-ekonomija tal-gżira ċkejkna tagħna. Mill-ewwel nett tal-pandemija deher li Għawdex jiddependi kompletament mit-turiżmu. It-turiżmu rriduh, imma mhux wieħed li jiddependi fuq il-massa imma fuq il-kwalita'. Allura rridu strateġija ġdida biex il-gżira tagħna nagħmluha aktar attrajenti. Din tkompli turi l-importanza tal-laqgħa tagħna ta' dalgħodu.

Ambjent san

L-attrazzjoni tal-gżira tagħna ġejja mill-ambjent naturali li hi tħaddan. Kien għalhekk li xi ġimgħat ilu ħriġna *press release* biex nappoġġjaw il-pożizzjoni li ħadu s-sindki Għawdxin biex inħarsu l-ambjent naturali tal-gżira tagħna minn sfruttament sfrenat li ma jagħmilx sens ħlief għal min ma jarax 'l hemm mill-ponta ta' mnieħru.[1] Dan l-istess tħassib tagħna ġie mtenni f'nota maħruġa mill-Kap Eżekuttiv tal-*Gozo Regional Development Authority*.[2]

Kif sostnejt dan l-aħħar fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-*Gozo Business* Chamber, "Aħna favur żvilupp sostenibbli ta' kostruzzjoni ta' kwalita' li tarrikkixxi l-ambjent u mhux tabbużah. Aħna favur settur tal-kostruzzjoni li jirkupra l-bini mhux użat u żdingat. Aħna favur bini li jagħti prijorita' u każ tal-ħarsien tal-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli. U għalhekk nemmnu li l-amministrazzjoni trid tinċentiva bini ta' kwalita' billi tagħti preferenza fil-fiskalita' lil dan it-tip ta' bini."[3]

Il-kampanja tagħna mal-awtoritajiet hi li Għawdex jilħaq il-c*arbon neutrality* ferm qabel il-pajjiż kollu kemm hu u li l-operaturi tagħna jiġu mgħejjuna f'dan il-proċess. Qed nisħqu għal pjan immedjat kif ser jintlaħaq dan.[4] Nemmnu li bi

---

[1] The Gozo Business Chamber, *Protecting Gozo from Unsustainable Development*, PR 25 February 2021, in https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2021/02/GBC-Press-Release-250221.pdf

[2] Mario Borg, *Note on the Construction and Development of Real Estate in Gozo*, April 2021, in https://grda.mt/wp-content/uploads/2021/05/A-Note-on-the-Construction-and-Real-Estate-Development-in-Gozot.pdf

[3] Joseph Borg, Laqgħa Ġenerali Annwali, Gozo Business Chamber, *Diskors tal-Konklużjoni*, 27 ta' Frar 2021, in https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2021/02/Joseph-Borg-Diskors-tal-Konkluzjoni-AGM-25-February-2021.pdf

[4] The Gozo Business Chamber, *Making Gozo a Zero Carbon Economy*, PR 18 February 2021, in https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2021/02/GBC-Press-Release-180221.pdf

pjanijiet serji dawn il-miri naslu għalihom u l-gżira tagħna, bi kwalita' ta' ħajja aħjar, tkun ta' attrazzjoni ferm aktar milli hi illum.

U kif qed nippretendu li Għawdex ikun *testbed* u jilħaq il-carbon neutrality qabel il-pajjiz kollu hekk ukoll irridu li Għawdex ikun *testbed* għal policies ta' ippjanar ta' bini aħjar u *spatial planning* li jarrikkixxi l-ambjenti li fihom ngħixu. Biex isir dan hemm bżonn li nieqfu, naħsbu u nippjanaw fit-tul lejn fejn irridu lil pajjizna jmur fis-setturi tal-kostruzzjoni u propjeta' li sal-lum għandhom importanza strateġika kbira fl-ekonomija tal-gżira tagħna.

U biex dan iseħħ importanti li jkun hemm l-involviment ta' tlett setturi...il-periti, l-izviluppaturi, u min imexxi, min jiggverna. Bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd intennu li rridu strateġija li tibdel ċertu sfruttament tal-art, f'bini ta' kwalita'; bini bla ebda sens estetiku, għal bini li jpaxxi l-għajn; bini li flok iħassar l-ambjent, jarrikkixxi l-ambjent; bini li flok joħnoq il-ħajja tagħna, jagħti nifs frisk lil min jgħix hawnhekk.

U għalhekk se nagħlaq billi nagħmel tlett appelli:

<u>Appell lill-Periti</u>

L-ewwel appell imur għall-periti. Meta kontu studenti żgur studjajtu missier l-Arkitettura li jingħad li kien ċertu Marcus Vitrivius Pollio li għex ftit għexieren ta' snin qabel Kristu. Magħruf aħjar bħala Vitrivius dan ħallielna għaxar kotba fuq l-arkitettura, *De architectura*, li fihom itenni li kull binja jrid ikolla stabilita' fl-istruttura, utilita', u sbuħija. Jinsisti wkoll li l-bini irid jikkopja n-natura; hekk kif l-għasafar u n-naħal jibnu l-bejtiet tagħhom hekk il-bniedem jibni daru mill-materjal naturali li hu mdawwar bih...imma jinsisti li kollox irid isir bi proporzjon. Kien fil-fatt il-persuna li stabiliet il-proporzjon fil-bniedem, kunċett li ġie ripetut b'mod stupend minn Leonardo da Vinci.[5]

Semmejna s-sbuħija, ikkupjar tan-natura, u proporzjon. Insaqsi...Intom bħala periti kuntenti bil-binjiet li se tħallu warajkom, bil-posterita' ta' kostruzzjoni li se tħallu? Kuntenti bil-kontribut li qed tagħtu biex ikollna dinja aktar sabiħa, ambjent aktar sabiħ, bini li aktar jaqbel man-natura u kostruzzjoni ta'

---

[5] **Marcus Vitruvius Pollo** magħruf l-aktar bħala **Vitruvius** għex bejn is-sena 80 u 15 qabel Kristu. Huwa kien awtur Ruman, arkitett u inġinier ċivili u militari. Ħadem fuq il-ktieb bil-Latin *De architectura* li kien jikkonsisti f'għaxar volumi u iddedikaħ lill-Imperatur Awgustu. Huwa jsemmi li kull kostruzzjoni jrid ikollha tlett attributi: *firmitas*, *utilitas* u *venustas* (stabilita', utilita', u sbuħija). Dawn il-principji kienu jiġu kkunsidrati dejjem fil-bini li sar madwar l-Imperu Ruman. Magħruf ħafna wkoll ghall-Bniedem Vitruvjan fejn saħaq dwar is-sens ta' proporzjon li jeżisti fl-istruttura umana, liema tejorija ġiet imbagħad imfissra fil-pittura minn Leonardo da Vinci.

proporzjon? Ċertament li hemm min għandu għax ikun kburi bil-kontribut li ta, imma jiddispjaċini ngħid li hemm ukoll min aħjar imur jinħeba u jistaħba.

Appell lil min jiżviluppa propjeta'

Ħadd ma jlum id-dritt ta' persuna li għandha jew takkwista biċċa art, li tiżviluppaha. Dment li għandu dritt ħadd ma jista' jgħid xejn; dment li jiġu segwiti l-*policies* ħadd ma jista' jgħid xejn.

Imma f'ġieħ ir-rispett li lkoll ingawdu għal u lejn xulxin ejjew nibnu bini ta' kwalita' li jarrikkixxi l-ambjent tagħna. Bini li assolutament ma jaqbilx mal-madwar, bini li ma jipprovdix spazju adegwat skond il-*policies*, bini li ma jsegwix ir-regolamenti viġenti; dan il-bini ma huwiex investiment sostenibbli, ma huwiex investiment li jħares fit-tul, ma huwiex investiment ta' ġid għall-gżira tagħna, ma huwiex investiment li qed iħares l-interessi fit-tul tal-gżira tagħna. Bini li biż-żmien se jitlef mill-valur tiegħu, bini li biż-żmien ma jsarrafx f'*return* mixtieq.

Għandna eżempji ta' bini li jarrikkixxi l-ambjent, għadna eżempji ta' irkuprar ta' bini antik, għadna ezempji ta' bini li jintegra b'mod perfett mal-ambjent. Ejjew inżommu dawn l-eżempji pożittivi quddiemna u ntennuhom.

Appell lill Gvern

Fl-aħħar nett appell lill-Gvern. Meta konna tfal żagħar, niġġerrew hawn taħt mat-toroq tar-Rabat, konna nivvintaw ħafna trampi. Ovvjament il-kbar kienu jwasslu l-kelma lill-ġenituri tagħna u dawn ma kienux joqogħdu lura biex iċanfruna u jiddixiplinawna. L-ewwel kelma li kienet toħroġ minn fomma kienet tkun, "Mhux jien ta'...imma sieħbi jew ħaddieħor"... imma rarament kienu jemmnuna. Hekk ukoll l-appell tiegħi lill-Gvern. Xbajna nisimgħu nies fl-awtorita', inkuż il-Ministri, jgħidulna li dak kollu li qed jiġri fl-ambjent mhux aħna ta'....imma tort ta' *policies* tal-passat. Jekk jogħġobkom irrispettawna ftit u kulħadd jassumi r-responsabilita' tiegħu. Jekk jogħġobkom, tfarfrux aktar u tkomplux taħarbu mid-dmirijiet tagħkom!

Jekk ma tridux tirrispettaw lilna almenu rrispettaw lill-gżira tagħna u agħtu direzzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex tagħmel, timmodifika u timplimenta *policies* li jħarsu l-wirt storiku tagħna, li jħarsu l-ambjent tagħna, li jħarsu l-gżira tagħna, li jħarsu l-gżejjer tagħna. Fuq kollox il-poplu għalhekk fdakom fit-

tmexxija; biex tieħdu deċiżjonijiet favur il-ġid komuni, fejn "il-bnedmin huma fiċ-ċentru tat-tħassib dwar l-iżvilupp sostenibbli".[6]

Il-prinċipju li rridu nżommu quddiem għajnejna llum hu li fuq kollox in-natura ma tappartjenix lilna. Aħna l-gwardjani tagħha. Issellifniha mingħand missirijietna, u filwaqt li nużawha llum, aħna obbligati li ngħadduha lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna aħjar milli sibniha. Din hija x-xewqa tiegħi għal Għawdex tagħna, għal Malta tagħna, illum u dejjem!

Grazzi għal darba oħra lit-tmexxija tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriza u Industrija ta' Malta li qegħdin magħna llum u lilkom ilkoll, membri tal-Kunsill u uffiċjali tal-*Gozo Business Chamber* hawn preżenti.

Grazzi lil kulħadd!

---

[6] Nazzjonijiet Magħquda, *Dikjarazzjoni ta' Rio de Janeiro*, L-ewwel prinċipju, 1992.

> *Principle 1*
> *Human beings are at the centre of concerns for sustainable development. They are entitled to a healthy and productive life in harmony with nature.*

Ikkwotat fl-Enċiklika *Laudato Si* ta' Papa Franġisku, paragrafu 167, 2015